31999L0066

L 164/76 *IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ* 30.6.1999

ID-DIRETTIVA TAL-KUMMISSJONI 1999/66/KE

tat-28 ta' Ġunju 1999

li tiddikjara l-ħtiġiet dwar it-tikketta jew dokument ieħor li jkun produċa l-fornitur skond id-Direttiva tal-Kunsill 98/56/KE

IL-KUMMISJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kunsidrat it-Trattat li jistabilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 98/56/KE tal-20 ta' Lulju 1998 dwar il-kummerċjalizzazzjoni tal-materjal tal-propagazzjoni tal-pjanti ornamentali [1], u b'mod partikolari l-Artikolu 8(3) tiegħu,

(1) Billi t-tikketta u d-dokumenti l-oħra għandhom jagħtu l-partikolaritajiet meħtieġa kemm għall-kontroll uffiċjali u anki għat-tagħrif ta' min ikabbar;

(2) Billi fil-każ meta l-materja tal-propagazzjoni tkun akkumpanjata minn passaport tal-pjanta skond is-Sistema Komunitarja tas-Saħħa tal-Pjanti, il-passaport tal-pjanta jista' jikkostitwixxi fuq ċerti kundizzjonijiet it-tikketta jew id-dokument l-ieħor imħejjija mill-fornitur;

(3) Billi l-miżuri provduti f'din id-Direttiva huma skond l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti tal-Materjal tal-Propagazzjoni tal-Pjanti Ornamentali,

ADOTTA DIN ID-DIRETTIVA:

Artikolu 1

Din id-Direttiva tistabilixxi l-ħtiġiet rigward it-tikketti jew id-dokumenti l-oħra imħejjija mill-fornitur tal-materjal tal-propagazzjoni tal-pjanti ornamentali riferiti fl-Artikolu 8 tad-Direttiva 98/56/KE.

Artikolu 2

1. It-tikketta jew id-dokument tal-fornitur riferiti fl-Artikolu 1 għandhom ikunu ta' materjal xieraq li ma jkunx intuża qabel u għandhom ikunu stampanti f'mill-anqas wieħed mill-ilsna uffiċjali tal-Komunità. Għandu jkun fih l-intestaturi tat-tagħrif li ġej:

(i) l-indikazzjoni "tal-kwalità tal-KE";

(ii) l-indikazzjoni tal-kodiċi ta' l-Istat Membru;

(iii) l-indikazzjoni tal-korp uffiċjali responsabbli jew il-kodiċi tiegħu li jagħrfu minn oħrajn;

(iv) in-numru tar-reġistrazzjoni;

(v) is-serje individwali, in-numru tal-ġimgħa jew tal-lott;

(vi) l-isem botaniku;

(vii) id-denominazzjoni tal-varjetà, meta approprjat. Fil-każ tal-ħażna tal-għeruq: id-denominazzjoni tal-varjetà jew id-deskrizzjoni tagħha;

(viii) id-denominazzjoni tal-grupp tal-pjanti, meta xieraq;

(ix) il-kwantità;

(x) fil-każ ta' l-importazzjonijiet minn pajjiżi terzi skond l-Artikolu 11(2) tad-Direttiva 98/56/KE, l-isem tal-pajjiż tal-produzzjoni.

2. Fil-każ meta l-materjal tal-propagazzjoni jkun akkumpanjat minn passaport tal-pjanta skond id-Direttiva tal-Kummissjoni 92/105/KEE [2], il-passaport tal-pjanta jista' jikkostitwixxi t-tikketta jew id-dokument tal-fornitur riferiti fil-paragrafu 1. Madankollu, jridu jingħataw l-indikazzjoni "tal-kwalità tal-KE" u indikazzjoni dwar il-korp uffiċjali responsabbli skond id-Direttiva 98/56/KE u, meta approprjat, referenza għad-denominazzjoni tal-varjetà, il-ħażna tal-għeruq jew il-grupp tal-pjanti. Fil-każ ta' l-importazzjonijiet minn pajjiżi terzi skond l-Artikolu 11(2) tad-Direttiva 98/56/KE, irid jingħata wkoll l-isem tal-pajjiż tal-produzzjoni. Dan it-tagħrif jista' jkun fuq l-istess dokument bħall-passaport tal-pjanta, imma separat b'mod ċar.

Artikolu 3

L-Istati Membri għandhom idaħħlu fis-seħħ il-liġijiet, ir-regolamenti jew id-dispożizzjonijiet amministrattivi meħtieġa sabiex jikkonformaw ma' din id-Direttiva fil-31 ta' Diċembru 1999. Għandhom jgħarrfu lill-Kummissjoni b'dan minnufih.

Meta l-Istati Membri jadottaw dawn il-miżuri, dawn għandu jkun fihom referenza għal din id-Direttiva jew ikunu akkumpanjati b'din ir-referenza fl-okkażjoni tal-pubblikazzjoni uffiċjali tagħhom. L-Istati Membri għandhom jistabilixxi kif trid issir din ir-referenza.

L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni t-test tad-disposizzjonijiet prinċipali tal-liġijiet domestiċi fil-qasam kopert b'din id-Direttiva.

Artikolu 4

Din id-Direttiva għandha tidħol fis-seħħ fl-20 jum li jiġi wara l-pubblikazzjoni tagħha fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

[1] ĠU L 226, tat-13.8.1998, p. 16.

[2] ĠU L 4, tat-8.1.1993, p. 22.

Artikolu 5

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmulha fi Brussel, fit-28 ta' Ġunju 1999.

Għall-Kummissjoni
Franz FISCHLER
Membru tal-Kummissjoni